## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Ġimgħa, 2 ta' Lulju 2021**

**Talba numru 316/2020SFJ**

***AAK Grech Bros. Ltd (C34012)***

***vs.***

***Raymond Buhagiar (134256M) u martu Filomena Buhagiar (584156M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti jkunu ikkundannati jħallsuha s-somma ta' elfejn u disa' mija u tmienja u tmenin Ewro (€2,988) rappreżentanti bilanċ ta' materjal mibjugħ u kkonsenjat lilhom fil-kors ta' eżerċizzju tan-negozju bejn il-partijiet, liema prezz baqa' ma tħallasx, u dan mingħajr raġuni valida.

Ra li s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsu l-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid ippreżentati kontestwalment, u l-imgħax legali mis-7 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuti ġew innotifikati permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gazzetta lokali (fol. 12 sa 20).

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u ma dehret għal ebda seduta.

Sema' lil Adrian Grech jixhed fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2021, liema xhud ikkonferma d-debitu għar-raġunijiet u fl-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba, kif ukoll li ma sar ebda pagament fil-frattemp.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-2 ta' Lulju 2021.

**Provi ippreżentati**

It-Tribunal itenni li sema' lil Adrian Grech jixhed, prodott mis-soċjetà attriċi, u li fix-xhieda tiegħu, dan ikkonferma li l-ammont sħiħ kif mitlub fl-Avviż tat-Talba kien għadu dovut lis-soċjetà attriċi u li ma kien sar ebda pagament.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Inoltre, l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tal-provi ppreżentati, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova li hija kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' x-xhud u qara d-dokumentazzjoni relattiva, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u għalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu

lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u disa' mija u tmienja u tmenin Ewro (€2,988) bl-imgħax mis-7 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, iżda jordna li l-imgħaxijiet għandhom ikunu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi

Madankollu, billi s-soċjetà attriċi naqset li tippreżenta prova li kien ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru jew li ġie ppreżentat mandat ta' qbid, kemm jekk kawtelatorju jew eżekuttiv, it-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż tal-istess atti.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenuti.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**